# Il-Ħadd 04.10.2015

1. Il-Papa Franġisku flimkien mal-Isqfijiet tagħna qed jistednuna biex ningħaqdu fit-talb għas-Sinodu tal-Isqfijiet li ser isir Ruma fil-jiem li ġejjin (bejn il-4/10 u l-25/10) dwar *Il-vokazzjoni u l-missjoni tal-familja fil-Knisja u fid-dinja tal-lum*. Nitolbu l-interċessjoni tal-Familja Mqaddsa ħalli dawn il-jiem ikunu mument ta' grazzja u tiġdid għall-Knisja u għall-familji tad-dinja kollha. B'mod speċjali noffru t-Talba tar-Ružarju għal dan il-għan.

2. Illum 4/10, **Festa tal-Madonna tar-Rużarju**:
   - Fit-8:15am - Il-Quddiesa tkun bis-sehem ta'<br>Ħal Safi Local Council Football Nursery;
   - Fil-5:30pm - Quddiesa bil-priedka mill-Kan. Louis Farrugia, u
   - Fis-6:30pm - Purċissjoni, li fiha jingħad ir-Rużarju,<br>u li tintemm b'Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

   Il-purċissjoni tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl,<br>Triq u Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija,<br>Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq l-Iskola,<br>Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja.

   *Infakkru biex ma tħallux karozzi ipparkjati f'dawn it-toroq imsemmija.*<br>*F'każ ta' xita l-funzjoni issir fil-knisja stess.*

3. It-Tnejn 5/10:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa għall-Ġenituri tat-tfal li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof,<br>fil-Museum tas-Subien.

4. Il-Ħamis 8/10:
   - Fis-7:15pm tiltaqa' il-Kummissjoni Familja fl-Uffiċċju Parrokkjali.

5. Is-Sibt 10/10: **Jum l-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja: 231 sena**<br>*(nhar l-10 ta' Ottubru 1784 mill-Isqof Vincenzo Labini)*
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-7:00pm, ser issir Konferenza għall-familji fl-Awditorju tal-M.U.S.E.U.M. il-Blata l-Bajda, bil-kelliema jkunu Dr Arthur Galea Salomone u Dr Miriam Sciberras.
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-kappella tas-Seminarju tal-Virtù, ir-Rabat.

6. Il-Ħadd 11/10, **niċċelebraw l-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja**:
   - Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jiġu nċensati s-slaleb tal-konsagrazzjoni.

7. Avviżi oħra:-
   - Is-Sibt 10 u l-Ħadd 11/10, voluntiera u membri tal-Malta Hospice Movement ser ikunu fuq iz-zuntier ta' diversi knejjes, fosthom tagħna, biex iqassmu tifkira maħruġa fl-okkażjoni tal-*'World Hospice and Palliative Care Week'*, kif ukoll ser jilqgħu xi donazzjonijiet biex ikunu jistgħu jipprovdu aktar għajnuna.
   - Il-Kunsill Lokali javża li min għalaq l-55 sena u jixtieq jieħu t-tilqima għal kontra l-influwenza hu mitlub jinkiteb fl-Uffiċċju tal-Kunsill u jieħu miegħu l-karta tal-identità.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:<br>- € 10 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-bankun u n-niċċa ta' San Pawl. Grazzi.

9. Nitolbu għal Vincent Cutajar li għadda għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.<br>Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...